MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2216/2003

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553) hekk kif surrogata, sija bil-polza ta' assigurazzjoni tat-tip 'comprehensive' sia bil-Ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mario Gatt u l-istess Mario Gatt (I.D. 809953M)**

**Vs**

**Omar Mustafa Azumi u b'digriet tat-3 ta' Dicembru, 2003 interveniet fil-kawza s-socjeta' Untours Insurance Agents Limited (C 5655) ghal Qatar Insurance Company**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u

sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm478.73c) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut ghad-dannu ta' l-atturi b'konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku li sehh fis-26 t'April, 2001 fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GLE 019 misjuqa minn Glenn Gatt di proprjeta' ta' l-attur Mario Gatt u assigurata mas-socjeta' attrici u l-vettura BAI 457 misjuqa mill-konvenut, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba t-traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax Risposta.

Ra r-Rikors ta' Untours Insurance Agents Limited fejn talbu li jintervjenu fil-kawza, liema talba giet akkolta fit-3 ta' Dicembru, 2003.

Ra r-Risposta ta' l-istess socjeta' ntervenjenti li biha eccepiet li ma kellha l-ebda polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-incident stradali mertu ta' l-Avviz u dan minhabba t-termini tal-polza (kopja tax-*schedule* li hawn esebita bhala Dok. A – f'liema polza jinghad li sewwieqa taht il-hamsa u ghoxrin sena, bhall-konvenut, ma kienux assigurati). Illi ghalhekk ghandu jigi deciz li fi kwalunkwe kaz, kull sentenza ta' kundanna ghall-hlas ta' danni ma tkunx operabbli fil-konfront ta' l-esponenti.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jidher li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2153 u 2154 (1) tal-Kodici Civili.

Ra t-talba ta' l-atturi li biha eccepew li s-socjeta' ntervenjenti ma setghetx tressaq l-ewwel zewg eccezzjonijiet fuq imsemmija.

Ra s-sentenza ta' dan it-Tribunal ta' l-14 ta' Mejju, 2004 li permezz taghha gie deciz li dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet u kkonceda terminu ta' xahrejn biex is-socjeta' ntervenjenti tiddeduci l-pretenzjonijiet taghha fir-rigward.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1330 Alexander Schembri, Glenn Gatt, Mario Gatt u Sean Mifsud.

Ra li mill-atti ma rrizultax li s-socjeta’ ntervenjenti ddeduciet il-pretenzjonijiet taghha fir-rigward ta’ l-imsemmija l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari u konsegwentament dan it-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni taghhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Glenn Gatt kien qieghed isuq il-vettura GLE 019 proprjeta’ ta’ missieru Mario Gatt, fi Triq il-Kbria San Guzepp, Hamrun. Fin-naha tax-xellug tieghu kien hemm ringiela ta’ karozzi pparkjati w inoltre kien hemm il-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet *double parked* quddiemu.

Hekk kif Glenn Gatt wasal vicin din il-vettura *double parked* u kien qed jissorpassaha, din il-vettura saqet ‘il barra u baqghet diehla ghal gol-genb tal-karozza tieghu.

Din il-verzjoni moghtija minn Glenn Gatt, giet korraborata anki mid-*drivers’ statement* kif dettaljata fir-*Road Accident Report* u tikkombaccja wkoll ma’ l-i*sketch* esebit. Ghar-rigward ta’ l-i*sketch* ghandu jinghad illi fil-fatt fl-ispazju vojt magenb il-vettura SUZUKI, dak il-hin ta’ l-incident kien hemm karozza ohra pparkjata li lahqet saqet ‘l hemm sakemm gew il-pulizija.

Minn dan l-i*sketch* wiehed anki jista’ jinnota li l-vettura SUZUKI hija angolata.

Illi ghalhekk it-Tribunal m’ghandux dubju li l-kawza ghaliex saret il-kollizjoni kienet li l-konvenut, li kien wieqaf u *double parked*, qabad u saq ‘il barra ghal fuq il-karozza ta’ l-attur li kienet miexja dak il-hin u qed taqbzu.

Ma jirrizultax jekk il-konvenut, qabel m'ghamel tali manuvra, kienx hares lura jew ta xi pre-avviz tal-manuvra li bi hsiebu jintenta. Dwar dan Glenn Gatt ma qal xejn anzi jghid li din il-vettura qabdet u harget ghal fuqu ghall-gharrieda minghajr pre-avviz. Inoltre, minn ezami tad-*drivers' statement*, cjoe' ta' dak li suppost qal il-konvenut lill-pulizija, m'hemm assolutament xejn fir-rigward ta' dak li seta' qal l-istess Omar Mustafa Azumi.

Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi li l-kollizjoni grat ezattament kif spjega Glenn Gatt u li l-konvenut, li kien wieqaf, hareg minn dik il-pozizzjoni ghall-gharrieda u minghajr ma ha prekawzjonijiet xierqa u ghalhekk ir-responsabbilta' ntiera ta' l-akkadut ghandha tigi akkolta kollha fuq il-konvenut.

Illi fir-rigward tal-pozizzjoni tas-socjeta' ntervenjenti f'din il-kawza jigi relevat illi t-Tribunal m'hu obbligat li jiddeciedi xejn fil-konfront ta' l-intervenut. Kull decizjoni fir-rigward tieghu hija fakultattiva ghat-Tribunal u f'dan il-kaz it-Tribunal jidhirlu li m'ghandu jaghti ebda pronunzjament fir-rigward tieghu hlief illi huwa stess ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

Ghar-rigward tad-danni, jirrizulta li sabiex tigi riparata l-vettura ta' Gatt kien hemm spiza ta' erba' mija u tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm463.75c) li maghhom wiehed irid izid hmistax-il lira Maltin (Lm15) *survey fees* biex igibu total ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm478.75c).

Parti minn dan l-ammont jirrapprezenta l-*excess* imhallsa mill-attur Mario Gatt lis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu

(Lm478.73c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez tas-socjeta' ntervenuta fil-kawza jibqghu a karigu taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------